# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 6 ta' Diċembru, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 465/15/1 CFS**

**Hanif Mohammed fil-kapaċità professjonali tiegħu bħala d-Direttur tas-soċjetà bl-isem ta' Afican Eagle Import Export Limited (C-520026), u b'digriet tat-18 ta' Ġunju 2021 Mohamed Mashud Yahya daħal fil-kawża bħala attur nomine minflok Mohammed Hanif**

**v.**

**Bank of Valletta p.l.c (C-2833)**

**Il-Qorti:**

1. Din hi sentenza minn appell inċidentali tal-Bank of Valletta wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Marzu 2023 fejn ċaħdet it-talbiet attriċi u rigward l-kap tal-ispejjeż qalet hekk:

> "Fl-aħħar nett, minħabba li din il-kawża kienet tolqot prinċipju ta' liġi

mhux tas-soltu, din ilqorti qiegħda **tordna**, bit-tħaddim tal-**artikolu 223(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li kull parti f'din il-kawża għandha tbati l-ispejjeż tagħha."

2. L-appell prinċipali tal-attur mar deżert fis-27 ta' Ottubru 2023. L-appell inċidentali tal-Bank of Valletta jirrigwarda biss il-kap tal-ispejjeż. Hu jsostni illi t-talbiet attriċi ġew miċħuda u b'hekk il-bank ingħata raġun li seta' jagħlaq il-kontijiet tal-attriċi *nomine* billi n-negozju li għalih infetaħ il-kont ċjoè 'money remittance business' ma kienx qed jitmexxa skont il-liġi u n-normi mistennija u ma kienx tali li jaqa' fir-'risk tolerance' u 'risk apetite' tal-bank. Apparti hekk il-bank ikkonċeda żmien biex l-attur *nomine* jirregola ruħu qabel jingħalqu l-kontijiet. Il-bank żied li l-Qorti qasmet l-ispejjeż għax ikkonsidrat li kien jolqot prinċipju ta' liġi mhux tas-soltu. Madankollu meta jitqies li l-bank ma naqas f'xejn mill-obbligi tiegħu u akkomoda lill-attur *nomine* fiż-żmien konċess biex isib alternattiva għal kontijiet bankarji li kienu ser jingħalqu ma kienx hemm lok għal tqassim tal-ispejjeż imma kellhom jiġi mgħobbija kollha lil parti telliefa.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

3. L-ispejjeż ta' kawża huma regolati bl-Artikolu 223(1) tal-Kap. 12 fejn kull sentenza għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż. B'dan li s-subinċiż (3) tal-istess artikolu jagħti diskrezzjoni lill-Qorti li tqassam l-ispejjeż fejn kull parti tkun telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jkun hemm kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, jew għal xi raġuni tajba oħra. L-Ewwel Qorti

waslet għat-tqassim tal-ispejjeż għax qieset li kien hemm kwistjonijiet insoliti ta' liġi li tqajmu. Din il-Qorti ma għandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk ir-raġuni għat-tqassim tal-ispejjeż kienet waħda raġonevoli.

4. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-kwistjoni prinċipali kienet id-diskrezzjoni li jgawdi l-bank li jagħlaq kont bankarju ta' klijent u safejn setgħet raġonevolment u legalment tiġi applikata dik id-diskrezzjoni. Dan il-kont bankarju ma kienx depożitu sempliċi iżda dak li jissejjaħ 'money remittance scheme' fejn klijent kien awtorizzat jiġbor flus kontanti mingħand terżi u jiddepożitahom f'dan il-kont kurrenti biex imbagħad jiġu trasferiti fl-esteru. Fattwalment fil-kont kienu jiġu depożitati ammonti fl-eluf ta' ewro perjodikament. Il-kwistjonijiet legali li tqajmu kienu n-natura kontrattwali bejn il-bank u l-klijent; setax il-bank b'deċiżjoni unilaterali jwaqqaf din ir-relazzjoni u fl-affermattiv, f'liema ċirkostanzi seta' jagħmel dan. Dan l-aħħar kweżit ma kienx wieħed komuni fil-ġurisprudenza Maltija fejn l-Ewwel Qorti kellha tqis kif jitħaddem il-prinċipju f'ġurisdizzjonijiet oħra u sa fejn il-bank kellu l-obbligu li jagħti spjegazzjoni dettaljata lil klijenti dwar ir-raġunijiet għal dak li kien qed jiġi deċiż fl-isfond ta' liġijiet u obbligi bankarji fejn jidħol il-ħasil tal-flus. Is-sentenza tal-Ewwel Qorti hi mibnija fuq dawn il-kweżiti li ħarġu mit-talbiet attriċi fejn ġie mitlub li jreġġa lura l-għeluq tal-kont u li jħallas ukoll id-danni li sofra l-attur *nomine* bl-għeluq tal-kontijiet.

5. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti rigward il-kap tal-ispejjeż peress illi biex waslet għal tali deċiżjoni kellha tikkunsidra mhux biss il-liġi domestika iżda l-prattika bankarja u deċiżjonijiet esteri fuq kwistjonijiet legali li setgħu jitfgħu dawl fuq din il-vertenza.

6. Għalhekk il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti użat d-diskrezzjoni fil-limiti li jimponi l-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12 u qed tiċħad l-appell inċidentali.

## Decide

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell inċidentali tal-Bank of Valletta u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Spejjeż tal-appell inċidentali jitħallsu mill-Bank of Valletta p.l.c.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da